**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 16 t' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur Nicholas Vella**
**vs**
**Elton Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Elton Saliba detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 144577M

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer waqt li kien fil-Maghtab limiti tan-Naxxar, fil-granet qabel it-15 ta' Gunju 2014, volontarjament gieghel annimal isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Dicembru, 2014 (esebit a fol. 15A tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-11 ta' Gunju 2014 id-Dipartiment tas-CMRU tal-Pulizija rcevew video recording qasir hafna permezz ta' email minn email address bagira_ko9@hotmail.ru. Fuq dan il-video kien jidher ragel, li fl-email gie identifikat bhala Elton Saliba mill-Mosta, qed jaghti daqqiet liz-ziemel bi frostin. Wara li l-Pulizija wrew dan il-video lil Veterinarju Dr Roberto Andrea Balbo mid-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali gie stabbilit li z-ziemel seta' sofra xi griehi permezz ta' dawn id-daqqiet u huma ghalhekk nterrogaw lill-imputat odjern fejn huwa rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol 9 sa 11 tal-atti processwali. L-imputat ikkonferma li kien il-persuna li tidher fil-video u spjega li huwa kien ta' daqqiet bil-frostin (surmast) liz-ziemel tieghu peress li kienet dahlet fl-istalla t-tifla ta' siehbu Rennie Zammit li kellha sena u nofs u dan waqt li hu u Rennie kienu qed jitkellmu fil-passagg hdejn l-istalel u ma ndunawx li t-tifla kienet harbet lil ommha u dahlet hdejn iz-ziemel. L-imputat spjega li z-ziemel tieghu ihobb jilghab b' halqu u f' dak il-mument kien se jahtaf ras it-tifla u huwa ghalhekk ikkorega liz-ziemel bil-frostin sakemm missier it-tifla gibed lit-tifla 'l barra. L-imputat spjega ulterjorment li l-ex siehba tieghu Katerina Kondratiuk kienet telqet minn Malta izda kienet qaltlu li ser tpattihielu talli ma kienx ried jizzewwigha, u kien jissuspetta li kienet hi li hadet u baghtet dan il-video. Dawn il-proceduri mbaghad inbdew fuq talba tad-

Direttur tas-Servizz Veterinarji permezz ta' kwerela datata 11 ta' Dicembru, 2014 (a fol 2 tal-atti processwali) fejn il-Pulizija gew mitluba jiehdu proceduri kontra l-imputat a tenur tal-Art 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta talli kkaguna tbatija kemm fizika kif ukoll psikologika liz-ziemel.

Illi Rennie Zammit missier it-tifla ta' sena u nofs kemm meta tkellem mal-Pulizija kif ukoll meta xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar 2015 ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni u kkonferma dak li qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata u spjega ulterjorment li huwa ghandu d-delizzju taz-zwiemel u li iz-ziemel in dizamina kien ilu ghandu 9 snin. L-imputat qal li huwa kien jiehu hsiebu hafna z-ziemel u li fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kien tah id-daqqiet bis-'surmast' li huwa habel irqiq li jintuza sabiex jikkoregi liz-ziemel. L-imputat inoltre qal li l-ex tfajla tieghu li kienet Ukrajina kienet hadet il-video in dizamina bil-camera tieghu stess u kienet ghamlet hacking tal-Facebook Account tieghu u poggiet dan il-video u xxerjatu ma' hafna nies fuq l-Internet u dan kollu sabiex tpattihielu wara li hu kien spicca r-relazzjoni ta' bejniethom u hi kellha titlaq minn Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab akkuzat li volontarjament ikkaguna mohqrija jew tbatija liz-ziemel tieghu fil-15 ta' Gunju 2014 jew fil-granet

ta' qabel u dan bi ksur tal-Art, 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat."

Illi in kwantu jirrigwarda t-trattament xieraq li ghandu jinghata lill-annimali l-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal-dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-29 ta' Mejju 2013 moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Galea' fejn intqal is-segwenti:

> *L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*
>
> 1. *Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*
> 2. *Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*
> 3. *Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*
> 4. *Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*
> 5. *Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*
>
> *Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa. Din ir-responsabilta giet mitfuha fuq spallejn il-bniedem mill-bidu nett tal-holqien meta fil-Bibja naqraw li l-Missier Etern inkariga lil bniedem biex jaghti isem ghal kull speci ta' halieq minn tieghu*

> *biex b'hekk holoq dak irrapport bejn il-bniedem u l-annimal fejn dak ta' l-ewwel bhala l-holqien suprem gie moghti responsabilta talbenessere tal-hlejjaq kollha li mieghu jsebbhu din id-dinja u li minnha lkoll niddependu ghall-ghejxien u ezistenza taghna.*
>
> *Il-hajja hi sabiha u sagrosanta ghal kullhadd mhux biss ghal bniedem. Veru, l-ewwel il-bniedem imma wara jigu l-annimali u din l-iskala ma ssarrafx f'dominazzjoni assoluta bid-dritt assolut fuq il-hajja ta' l-annimal ...*

Illi l-elementi tar-reat in dizamina huma :-

1. L-att li bih annimal gie mgieghel isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn –actus reus;
2. L-intenzjoni f' mohh min ikkommetta r-reat u sahansitra x-xewqa illi jaghmel tali atti sabiex volontarjament igieghel annimal jsofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn –mens rea

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li jikkonkorru dawn iz-zewg elementi.

In kwantu jirrigwarda l-element formali ta' dan ir-reat il-Qorti jidrilha li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat ried jikkaguna tbatija jew mohqrija liz-ziemel. Huwa sa mill-bidu nett dejjem sostna li kien qed jikkoregi liz-ziemel sabiex jipprotegi lit-tifla ta' sena u nofs li kienet harbet lill-ommha waqt li missierha kien qed jitkellem mal-imputat fil-kuritur ta' bejn l-istalel u minghajr hadd ma nduna din dahlet hdejn iz-ziemel fl-istalla fejn dan kien ser jahtafha. Il-Qorti jidrilha li l-imputat agixxa b' dak il-mod sabiex jipprotegi lit-tifla u jindika liz-ziemel li huwa ma kellux jikkomporta ruhu b' dak il-mod. Il-Qorti setghet tinnota li l-

verzjoni tal-imputat giet pjenament korroborata minn missier it-tifla Rennie Zammit.

Illi in kwantu jirrigwarda l-actus reus din il-Qorti ukoll jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexiliex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament kienet giet kagunata tbatija liz-ziemel.  Il-video clip in kwistjoni huwa qasir hafna u ghalhekk wiehed ma jistax jiddetermina kemm dam isir l-att ta' korrezzjoni tal-annimal mill-imputat u inoltre ma ngabet l-ebda prova ohra ta' xi griehi li setghu gew kagunati lill-annimal.  Fil-fehma tal-Qorti ghandu ghalhekk jitqies li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad ta' probabbli li l-agir tieghu kien biss sabiex jikkoregi liz-ziemel u li s-surmast li uza, li huwa habel irqiq hafna, ma kien wegga' liz-ziemel izda serva biss sabiex jikkoregih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**Magistrat**